MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru. 1227/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**KONTRA**

**JAMIE VELLA ta’ 26 sena, iben Paul u Maria nee’ Micallef, imwieled tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Mejju, 1983, residenti fil-fond numru 3, PaulMar House, Triq Salvu Zahra, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 286083M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Jamie Vella** li gie akkuzat tallif’dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta’ Novembru, 2008 u fix-xhur ta’ qabel:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

2. U aktar talli ppermetta lil Lawrence Cassar minn Haz-Zebbug, Malta isuq vettura ta' l-ghamla Sedon Atkinson bin-numru tar-registrazzjoni DBI 067 li ma kinitx koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3. U aktar talli wahhal jew ippermetta li jitwahhlu pjanci bin-numru DBI 067 ma' vettura bil-mutur meta dawk il-pjanci jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari;

4. U aktar talli bhala sid ta' l-imsemmija vettura naqas li jara li jkollha dejjem u f'kull zmien licenzja mahruga mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat li wara li l-Prosekuzzjoni rtirat l-ewwel(1), it-tieni(2) u r-raba'(4) akkuza l-imputat ghazel li jirregistra ammissjoni ghall-akkuza rimanenti, u dan wara li gie moghti zmien mill-Qorti sabiex jikkonferma l-ammissjoni tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 17 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Jamie Vella** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu, izda qieghda tilliberah taht kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sitt(6) xhur, ai termini ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------